# Dawriet ma’ Kappelli u Knejjes Żgħar

**Tony Terribile**

F’kull belt u raħal f’dawn il-gżejjer, niltaqgħu ma’ numru sabiħ ta’ knejjes u kappelli żgħar li permezz ta’ l-arkitettura sempliċi, iżda eleganti tagħhom, qed ikomplu jsebbħu l-ambjent tal-ħajja Maltija.

L-ewwel deskrizzjoni ta’ dawn il-knejjes u kappelli nsibuha fir-rapport li kien għamel in-Viżitatur Appostoliku, il-Monsinjur Pietru Duzina, meta fl-1575 żarhom kollha u ħallielna l-ewwel deskrizzjoni ta’ dak li sab u li qalulu n-nies dwarhom.

Fost l-eqdem kappelli u knejjes żgħar f’dawn il-gżejjer insibu tal-Lunzjata u ta’ San Ġwann l-Evanġelista f’Ħal Millieri, San Ċir u l-Maddalena tar-Rabat, Santa Marija ta’ Birmiftuħ, is-Santwarju tal-Mellieħa u oħrajn.

Tlieta minn dawn il-knejjes, servew bħala l-ewlenin parroċċi ta’ Malta. Dawn kienu Santa Katerina fiż-Żejtun (magħrufa llum bħala ta’ San Girgor), ta’ Santa Marija ta’ Birmiftuħ u l-Mellieħa. Dawn it-tlett knejjes kienu diġa qegħdin iservu ta’ Parroċċi fl-1436.

Il-biċċa l-kbira ta’ dawn il;-knejjes huma propjeta ta’ djoċesi, iżda jeżistu numru ta’ knejjes li huma propjeta privata. Dawn kienu inbnew minn familji privati li sa llum baqgħu gil-familjari tagħhom.

Fost dawn insibu l-knejjes ta’ Sant’Anġlu u tal-Bon Kunsill fiż-Żejtun, tal-Madonna tal-Abbandunati f’Ħaż-Żebbuġ u fil-

Wardija, Santa Duminka f'Ħad-Dingli, id-Duluri f'Ħaż-Żebbuġ, San Franġisk de Paoli f'Ħal Qormi u oħrajn.

Insibu wkoll numru ta' knejjes le ġew imwaqqfa mill-Kavallieri ta' San Ġwann b'sinjal ta' qima u devozzjoni. Kull Lingwakważi kellha l-knisja taghħa u għalhekk fost il-knejjes tal-Belt insibu numru minnhom li ġew mibnija mill-Ordni, u fost dawn insibu tal-Pilar, ta' Liesse, San Ġakbu, il-Vitorja, Santa Katerina d'Italia u Santa Barbara.

Qrib il-Belt insibu wkoll il-knisja tal-Kunċizzjoni magħrufa bħala "ta' Sarria". Din ukoll twaqqfet mill-Kavallieri. Fil-kampanja tar-Rabat insibu tlett knejjes oħra mwaqqfa mill-Ordni, li huma ta' Wied Gerżuma ddedikata lil Kunċizzjoni, tas-Salib, iddedikata lit-Twelid tal-Madonna u tal-Buskett. Knisja oħra mibnija mill-ordni tinsab f'Bormla, iddedikata lil San Ġwann Elimizonario.

Fost dawn il-knejjes u kappelli żgħar niltaqgħu ma' tlieta minnhom li huma xogħol Lorenzo Gafa, l-aqwa perit u mgħallem Malti tas-seklu tmintax. Dawn huma t-tlett kappelli tal-Madonna tad-Dawl f'Ħaż-Żebbuġ, San Nikola fl-Imdina u tal-Madonna tal-Ħlas f'Ħal Qormi.

Ħafna minn dawn il-knejjes u kappelli kienu ċ-ċentru ta' devozzjoni l-aktar lejn il-Madonna. Fost dawn jispikkaw is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, il-knisja tal-Madonna tal-Ħlas f'Ħal Qor I, dik tal-Madonna tal-Providenza fis-Siġġiewi, tal-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi u tal-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara.

F'dawn il-knejjes għalhekk insibu numru ta' kwadri magħmula bħala wegħdi, magħrufa bħala "Ex Voto" li permezz tagħhom il-poplu radd ħajr 'l Alla għall-grazzja li jkun qala'. Għalhekk

fuq kull wieħed minn dawn il-kwadri naraw erba' ittri "VFGA" li jfissru li l-wegħda saret u l-grazzja ġiet maqlugħa.

Mal mixja tas-snin ma' ħafna minn dawn il-kappelli u knejjes intrabtu ċertu laqmijiet li llum saru sininimu magħhom. F'Ħal Qormi nsibu l-knisja ta' "Santa Marija tal-Blat" u oħra ta' "Santa Marija ta' Qerqċa" billi fil-festa kienu jqassmu l-qrieqeċ lin-nies.

Fis-Siġġiewi nsibu l-knisja ta' "Santa Marija ta' Ħal Xluq" u fir-Rabat insibu l-knisja ta' "Santa Katerina tad-Daħla" u f'Ħal Luqa nsibu l-knisja magħrufha bħala "tal-Ftajjar" billi fil-festa kienu jitwassmu l-ftajjar lin-nies.

Fl-Imdina nsibu l-knisja magħrufa bħala "tad-Dawl" għall-kwadru tal-Madonna tad-Dawl li jinsab f'din il-knisja u fiż-Żejtun insibu l-knisja ta' "Santa Marija ta' Ħal Tmin".

Ma' dawn il-knejjes insibu wkoll marbuta wegħdiet, devozzjonijiet u purċissjonijiet penitenzjali. Fl-imgħoddi, aktar millum, kienu jsiru bosta purċissjonijiet li kienu jsiru f'xi wħud minn dawn il-knejjes bħal San Mark fis-Siġġiewi, San Pawl u Santa Luċija fin-Naxxar u oħrajn iżda fost l-aktar magħrufa hija l-purċissjonni li għadha ssir sa' llum mill-Katidral tal-Imdina għall-knisja l-qadima ta' Santa Katerina. Din il-purċissjoni għadha ssir sa' llum l-ewwl Erbgħa fuq l-Għid u hi magħrufa bħala "Ta' San Girgor".

Għalkemm għaddew numru kbir ta' snin minn fuq dawn il-knejjes u kappelli għadhom sbieħ u għal qalb il-poplu ta' dawn il-gżejjer, għaliex ġrajjiethom huma minsuġa ma' dawk ta' missierijietna.